# Politika li Tirregola l-Preżenza Politika waqt il-Ħinijiet tal-Iskola

***Data tal-Implimentazzjoni:*** ***15 ta' April 2024***

***Data tar-Reviżjoni:*** ***15 ta' Mejju 2024***

**Għan**:

Din il-politika għandha l-għan li tirregola l-preżenza politika waqt il-ħinijiet tal-iskola u/jew attivitajiet tal-iskola, filwaqt li timplimenta sett koerenti ta' linji gwida għall-iskejjel kollha tal-Istat f'Malta u Għawdex.

**Definizzjoni**:

Għall-fini ta' din il-politika, 'politiku' tirreferi għal kwalunkwe individwu li għandu kariga eletta, u/jew kandidati prospettivi.

**Żjarat fl-Iskejjel:**

Fil-każijiet kollha, fi kwalunkwe ħin, żjarat minn individwi eletti politikament jew kandidati prospettivi fi kwalunkwe elezzjoni għandhom isiru esklussivament jekk l-attività tkun relatata mal-kurrikulu nazzjonali, u jiġu kkunsidrati biss wara li tinkiseb l-approvazzjoni meħtieġa mill-Kap tan-Netwerk tal-Kulleġġ (HCN) u d-Direttur Ġenerali għas-Servizzi Edukattivi (DG DES) fil-MEYR; iżda l-ebda approvazzjoni bħal din ma tkun meħtieġa fejn iż-żjara tkun minn Prim Ministru jew mill-Ministru għall-Edukazzjoni fit-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom.

**Avvenimenti Approvati Uffiċjalment:**

It-talbiet kollha għandhom jiġu sottomessi bil-miktub lid-Direttur Ġenerali għas-Servizzi Edukattivi (DG DES) permezz tal-Kap tan-Netwerk tal-Kulleġġ. L-approvazzjoni tingħata biss wara reviżjoni u konsultazzjoni bir-reqqa mal-awtoritajiet edukattivi rilevanti. Viżitaturi approvati għandhom jaderixxu ma' din il-politika strettament ta' non-interferenza. Kwalunkwe tentattiv biex jiġu influwenzati studenti jew membri tal-istaff għal skopijiet politiċi jirriżulta f'waqfien immedjat taż-żjara.

**Osservazzjoni tal-politika:**

Kemm il-Kap tal-Iskola kif ukoll il-Kap tan-Netwerk tal-Kulleġġ huma responsabbli għall-implimentazzjoni u l-aderenza ta' din il-politika. Kwalunkwe ksur għandu jiġi rrappurtat lid-Direttur Ġeneral DES.

**Konklużjoni:**

Bħala edukaturi għandna nħarsu lit-tfal fdati lilna fl-iskejjel tagħna u hija r-responsabbiltà tagħna li niżguraw li jittieħdu l-miżuri kollha biex nipproteġu lill-istudenti kollha f'kull ħin.